# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru 331/2010**

**Diane Schembri, armla minn Mario Schembri, detentrici tal-Karta tal-Identita` Numru 105182 M, f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Rebecca Schembri u f'isem u fl-interess ta' bintha assenti Roslyn Schembri, detentrici tal-Karta tal-Identita` Numru 25287M u b'digriet tas-26 t'Ottubru, 2010, Rebecca Schembri assumiet l-atti f'isimha peress illi saret maggorenni**

**vs.**

**Alfred Schembri & Sons Limited**
**(Numru ta' Registrazzjoni C 11164)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 t'April, 2010, (ara foll 1), li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* u kif sussegwentement estiz, sintetikament issollevat is-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti Diane Schembri hi armla ta' Mario li miet fis-7 ta' Dicembru, 2005, (ara foll 5), meta kien ghadu impjegat mas-socjeta` intimata;

1.2. Illi ulied l-imsemmija Mario u Diane Schembri huma Rebecca, li lahqet l-eta` maggorenni fil-mori tal-kawza, Roslyn li hi assenti u Johnathon li mhux parti mill-procedura;

1.3. Illi skont il-klawsola numru 7 tal-kuntratt tal-impjieg tieghu datat l-4 t'Awwissu, 1999, ir-rikorrenti huma intitolati jircievu pensjoni ekwivalenti ghal zewg terzi, (2/3), tas-salarju tal-imsemmi Mario fil-mument tal-mewt tieghu, (ara foll 6);

1.4. Illi *di piu`*, *ai termini* tal-istess klawsola indikata fil-paragrafu precedenti, l-istess pensjoni hekk percepita mir-rikorrenti kellha tizdied kull sena b'2/3 taz-zieda tal-paga minima mhabbra mill-Gvern, jew b' 5% tal-pensjoni percepibbli fis-sena precedenti, skont liema minnhom tkun l-oghla, (ara foll 6);

1.5. Illi fil-mument tal-mewt l-imsemmi Mario Schembri kellu salarju annwali ta' dsatax il-elf, seba` mija u sebgha u tletin Ewro, (€19,737.00);

1.6. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti fuq indikati, flimkien ma' l-imsemmi Johnathan, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), kienu intitolati jippercepixxu pensjoni annwali ta' tlettax il-elf, mija u tmienja u hamsin Ewro, (€13,158.00);

1.7. Illi s-socjeta` intimata dejjem hallset pensjoni lir-rikorrenti fl-ammont mensili ta' sitt mija u hames Ewro u

erbgha u sittin centezmu, (€605.64), u dan fil-11 ta' kull xahar kalendarju;

1.8. Illi l-istess pensjoni ghandha tizdied bir-rata ta' 5% kull sena – li hi l-aktar rata favorevoli skont il-klawsola 7B, (ara foll 6), fuq riferita;

1.9. Illi ghalhekk l-pensjoni kollha li kellha tithallas mis-socjeta` intimata sal-11 ta' Marzu, 2010, hi ta' sittin elf, hames mija u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu, (€60,520.63), (ara foll 8);

1.10. Illi *a tenur* tal-klawsola 7C tal-kuntratt t'impjieg fuq riferit, il-pensjoni *de quo* tinqasam bil-mod segwenti:

1.10.1. 50% lir-rikorrenti Diane Schembri personalment;

1.10.2. 50% lit-tlett ulied imsemmija aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.));

1.11. Illi ghalhekk l-ammont globali ta' pensjoni spettanti lir-rikorrenti hu ta' hamsin elf, erba` mija u tlieta u tletin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€50,433.86);

1.12. Illi sad-data li fiha gie inoltrat ir-rikors guramentat promotur is-socjeta` intimata hallset is-somma globali ta' wiehed u tletin elf, erba` mija u tlieta u disghin Ewro u tmienja u ghxorin centezmu, (€31,493.28), b'parti minn kull sitta, (1/6), tal-istess tappartjeni lil Johnathan Schembri;

1.13. Illi sad-data fuq riferita s-socjeta` intimata ghad ghandha taghti bilanc t'erbgha u ghoxrin elf, mija u disgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu, (€24,189.46);

1.14. Illi *nonostante* li interpellata biex taghmel tajjeb ghall-istess, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.15. Illi s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda risposti x'tipprezenta u ghalhekk, il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

1.16. Illi ghalhekk, aderiet din il-qorti biex din:

1.16.1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artiklu 169 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.16.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi vera, certa u likwida debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, mija u disgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu, (€24,189.46), bilanc dovut ghall-hlas ta' pensjoni kif fuq indikat;

1.16.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

1.16.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti sal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-26 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu, wara li semghet trattazzjoni verbali fir-rigward, akkordat it-terminu hemm indikat biex is-socjeta` intimata tipprezenta risposta skont il-ligi, (ara foll 18);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata t-3 ta' Novembru, 2010, (ara foll 21), li permezz taghha rrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

3.2. Illi ghalhekk dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.3. Illi s-socjeta` intimata m'ghandha taghti l-ebda ammont lir-rikorrenti;

3.4. Illi *di piu`*, huma r-rikorrenti li huma debituri tas-socjeta` intimata u konsegwentement tintavola talba rikonvenzjonali;

4.0. Rat il-kontro-talba guramentata tas-socjeta` intimata datata wkoll it-3 ta' Novembru, 2010, (ara foll 23), li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

4.1. Illi s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti hi socjeta` komposta minn membri tal-istess familja;

4.2. Illi l-kmand tal-istess kien il-missier – Alfred, li miet fl-2010, b'uliedu Mario u George impjegati mieghu;

4.3. Illi fl-1999 intlahaq ftehim fis-sens li meta wiehed mill-ulied imut, l-armla u t-tfal tieghu jigu assikurati minn introjtu xieraq;

4.4. Illi ghal dan il-ghan Alfred Schembri, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` intimata, kien iffirma kuntratt t'impjieg mal-imsemmi Mario Schembri;

4.5. Illi l-kuntratt *de quo* hu l-istess kif indikat mir-rikorrenti, (ara foll 6);

4.6. Illi s-salarju percepit mill-imsemmi Mario Schembri fid-data tal-mewt tieghu kien ta' €8,902.00 annwi;

4.7. Illi fid-data tal-mewt tal-imsemmi Mario, ibnu Johnathan kien diga` maggorenni u kien gia` impjegat tas-socjeta` intimata;

4.8. Illi ghalhekk l-ebda ammont m'hu dovut mis-socjeta` intimata fil-konfront tal-imsemmi Johnathan;

4.9. Illi l-imsemmija Roslyn ilha s-snin tahdem u ma tattendix istituzzjoni edukattiva regolari *"full time"*;

4.10. Illi ghalhekk is-sehem dovut lill-istess Roslyn suppost li kien ilu mwaqqaf diversi snin;

4.11. Illi fl-ahhar nett it-tielet wild ta’ Mario fuq riferit ukoll lahqet l-eta` maggoritarja biex b’hekk is-sehem lilha dovut ghandu wkoll jigi kancellat;

4.12. Illi s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti ghada thallas lir-rikorrenti Diane Schembri l-ammont ta’ Lm60.00, meta l-ammont attwalment dovut hu ta’ Lm49.00;

4.13. Illi l-mewt ta’ Mario Schembri ma tinkwadrax ruhha fil-limiti tal-kuntratt *de quo*;

4.14. Illi polza t’assigurazzjoni dwar mewt teskludi hlas f’kaz li l-mewt tkun permezz ta’ suwicidju;

4.15. Illi *stante* li l-mewt in dizamina kienet permezz ta’ suwicidju allura l-pensjoni rikjesta mir-rikorrenti mhix dovuta;

4.16. Illi l-istess Mario kien issellef €46,225.65 minghand is-socjeta` intimata, liema ammont ghadu mhux saldat;

4.17. Illi ghalhekk l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghadu dovut lis-socjeta` intimata flimkien mal-imghax relattiv sad-data tal-effettiv pagament;

4.18. Illi ghalkemm il-partijiet kienu qrib li jintlahaq ftehim, dan m’avverax ruhhu;

4.19. Illi ghaldaqstant is-socjeta` intimata rikonvenzjonanti titlob li din il-qorti:

4.19.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-mewt permezz ta’ suwicidju ta’ Mario Schembri ma ggibx maghha l-obbligazzjoni tas-socjeta` intimata rigwardanti l-pensjoni riferita fil-kuntratt fuq indikat;

4.19.2. Tiddikjara u tiddeciedi li sallum ir-rikorrenti irceviet dak lilha dovut skont il-kuntratt in dizamina, anzi irceviet aktar minn hekk, liema somma ghandha tigi likwidata, jekk hemm bzonn, b’perit komputista;

4.19.3. Tikkundanna lir-rikorrenti thallas is-somma hekk likwidata lis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

4.19.4. Tiddikjara u tiddeciedi li Diane Schembri rigward in-nofs, u Rebecca u Roslyn Schembri ghat-terz kull wiehed tan-nofs l-iehor, huma debituri tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti fis-somma ta' €46,225.65, liema somma kienet giet mislufa lill-mejjet Mario Schembri;

4.19.5. Tillikwida s-somma indikat fil-paragrafu precedenti li ghandha tithallas minn Diane, Rebecca u Roslyn, jekk hemm bzonn bl-opra ta' perit komputista;

4.19.6. Tordna li s-somma hekk likwidata tigi hekk imhallsa mill-imsemmija Diane, Rebecca u Roslyn Schembri;

4.19.7. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fir-rikors tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

5.0. Rat ir-risposta guramentata tar-rikorrenti rikonvenzjonanti datata l-24 ta' Novembru, 2010, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

5.1. Illi l-atti kollha pprezentati mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti huma nulli *stante* li dawn gew prezentati taht okkju ta' kawza inezistenti;

5.2. Illi r-raba` (4), il-hames (5) u s-sitt (6) kontro-talba, (ara foll 25), huma irritwali *stante*:

5.2.1. Illi l-azzjoni mhix naxxenti mill-istess kuntratt; u

5.2.2. Illi l-legittimi kontradittur ghall-istess tlett (3) talbiet hawn riferiti mhumiex biss it-tlett (3) rikorrenti rikonvenzjonati;

5.2.3. Illi ghalhekk dawn il-kontro-talbiet jippekkaw minn nuqqas t'integrita` tal-gudizzju;

5.3. Illi ghandha tingieb prova li George Schembri wahdu kien awtorizzat jipprezenta r-risposta guramentata u l-kontro-talbiet ghan-nom tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

5.4. Illi l-hames (5) premessa tal-kontro-talba, (mhux enumerata), (ara foll 23), hi kontestata *stante* li s-salarju tal-mejjet Mario Schembri kien aktar minn dak dikjarat;

5.5. Illi s-sitt (6) premessa tal-istess kontro-talba, (ukoll mhux enumerata), (ara foll 23), hi barra minn lokha *stante* li l-ebda hlas m'intalab mir-rikorrenti fir-rigward ta' Johnathan Schembri;

5.6. Illi s-seba` (7) premessa tal-istess kontro-talba, (ara foll 24), hi inkorretta, *stante* li Roslyn Schembri baqghet tistudja;

5.7. Illi t-tmin (8) premessa tal-istess kontro-talba, (ara fol 24), hi irrilevanti *stante* li ma tirrigwardax il-perjodu propost mill-azzjoni tar-rikorrenti u ghalhekk infondata, peress li Roslyn Schembri ghada tistudja u b'hekk il-hlas lilha hu dovut;

5.8. Illi l-ghaxar (10) u l-hdax (11) il-premessa tal-istess kontro-talba, (ara foll 24), huma inkorretti;

5.9. Illi t-tnax (12) il-premessa tal-istess kontro-talba (ara foll 24), ghandha tigi skartata *stante* li s-self hu att t'amministrazzjoni straordinarja u Mario Schembri qatt ma seta` jaghmel dan minghajr l-assistenza u l-kunsens ta' martu li zgur m'ghamlitx dan;

5.10. Illi l-erbaghtax (14) il-premessa, (ara foll 24), bl-istess kontro-talba hi skorretta;

5.11. Illi ma gietx ipprezentata l-ebda prova rigward l-allegazzjoni li Mario Schembri ssellef xi flus mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

5.12. Illi ghalhekk il-kontro-talbiet kollha tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti huma infondati;

5.13. Illi ghalhekk ukoll, l-istess kontro-talbiet ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.14. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat id-digriet ta' din l-istess qorti diversament preseduta datat it-23 ta' Frar, 2011, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma` l-provi, (ara foll 32);

7. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Lulju, 2014, (ara foll 187), li wara r-rikors tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti datat iz-19 ta' Mejju, 2014, (ara foll 159), li ghar-ragunijiet hemm indikati talbet li tappella mid-digriet interlokutorju taghha moghti *in camera* datat is-6 ta' Mejju, 2014, (ara foll 155), u wara li rat ir-risposta tar-rikorrenti fir-rigward datata t-30 ta' Lulju, 2014, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-istess socjeta` intimata rikonvenzjonanti biex tappella mill-istess, (ara foll 187);

8. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fir-rigward datata s-27 ta' Frar, 2015, (ara foll 18 tal-inkartament tal-appell), li permezz taghha l-atti tal-istess gew rinvijati lura lill-qorti odjerna;

9. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 219);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonata datata l-20 t'Awwissu, 2015, (ara foll 221), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti datata t-30 t'Ottubru, 2015, (ara foll 229);

11. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-5 ta’ Novembru, 2015, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq in-noti hawn minnhom sottomessi;

12. Semghet ix-xhieda prodotta;

13. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi l-fatti fil-qosor jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi r-rikorrenti *proprio et nomine* rikonvenzjonata hi armla minn Mario Schembri li miet fis-7 ta’ Dicembru, 2005, (ara foll 5), meta hu kien ghadu impjegat tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

14.2. Illi l-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti kienet u ghadha s’issa kumpanija li permezz taghha l-familja Schembri in dizamina kienet tmexxi x-xogholijiet ta’ kostruzzjoni li kienet tezegwixxi;

14.3. Illi t-tmexxija tal-istess socjeta` kienet fdata f’idejn missier id-defunt Mario Schembri, (ara foll 145);

14.4. Illi tenut kont tal-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta’ xoghol datat l-4 t’Awwissu, 1999, (ara foll 6), ir-rikorrenti *proprio et nomine* rikonvenzjonata intavolat din il-procedura fil-konfront tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti in tutela tad-drittijiet li qed tirrapprezenta;

14.5. Illi tenut kont tas-suespost l-istess rikorrenti fuq indikata qeghda titlob is-segwenti:

14.5.1. Bilanc mill-pensjoni dovuta lilha mis-socjeta` intimat kif fuq deskritta;

14.5.2. Bilanc ulterjuri mill-istess pensjoni dovut lill-istess rikorrenti, din id-darba pero` ghan-nom t'uliedha minuri Rebecca u Roslyn Schembri;

14.6. Illi r-rikorrenti *de quo* m'hi qed titlob l-ebda hlas mis-socjeta` intimata fuq riferita *stante* li dan kien gia` ghalaq l-eta` ta' tmintax, (18), il-sena fil-mument tal-mewt ta' misseru Mario;

Ikkunsidrat:

15. Illi s-socjeta` intimata tikkoncedi li Alfred Schembri, missier il-mejjet Mario u George, r-rapprezentant tas-socjeta` intimata fl-atti odjerni, kien iffirma kuntratt t'impjieg mal-istess Mario ir-ragel tar-rikorrenti u missier ir-rikorrenti l-ohra, biex fl-eventwalita` li jigi nieqes jew ridott ghal dizabilita` permanenti waqt li jkun ghadu impjegat tal-istess socjeta`, l-armla tieghu tinghata "... bhala pensjoni mis-socjeta` ..." konsistenti f'zewg terzi, (2/3), tas-salarju li l-impjegat in dizamina kien ikun qed jircievi fil-mument tal-mewt tieghu, (ara foll 23);

16.0. Illi dan il-ftehim gie sigillat fil-kuntratt datat l-4 t'Awwissu, 1999, senjatament il-paragrafu numru 7, (ara foll 6), li ghall-ekonomija tal-gudizzju mhux qieghed jigi riprodott izda jigi biss sintetikament elenkat:

16.1. Illi f'kaz ta' mewt tal-impjegat, l-armla u uliedu jkollhom dritt ghall-pensjoni;

16.2. Illi l-pensjoni tkun zewg terzi, (2/3), tas-salarju li l-istess impjegat ikollu fil-mument tal-mewt;

16.3. Illi l-istess pensjoni tizdied b'zewg terzi, (2/3), taz-zieda tal-paga minima moghtija mill-gvern jew hamsa fil-mija, (5/100), tal-pensjoni tas-sena precedenti, liema minnhom tkun l-oghla;

16.4. Illi l-pensjoni tkun dovuta bil-mod segwenti;

16.4.1. 50% lill-armla tal-impjegat;

16.4.2. 50% lill-ulied l-impjegat li fil-mument tal-mewt tieghu jew ma jkunux ghalqu t-tmintax (18) il-sena, jew ikunu ghadhom jistudjaw b'mod regolari *"full time"*;

16.4.3. Illi l-porzjon dovut lill-ulied jinqasam ugwalment bejniethom;

16.4.4. Illi l-pensjoni indirizzata lill-imsemmija ulied tieqaf appena jaghlqu t-18 il-sena jew jieqfu jattendu istituzzjoni edukattiva *"full time"*, jew min minnhom jigi l-ahhar;

16.4.5. Illi l-pensjoni dovuta lill-armla tibqa` tigi minnha percepita sa ma tmut jew sa ma terga tizzewweg;

16.4.6. Illi meta l-armla tilhaq l-eta` tal-pensjoni governattiva, s-socjeta` intimata jkollha dritt tnaqqas din il-pensjoni tal-gvern mill-pensjoni lilha minnha moghtija;

16.4.7. Illi l-pensjoni dovuta lill-armla tkun moghtija direttament lilha;

16.4.8. Illi l-pensjoni dovuta lill-ulied in dizamina tkun moghtija lill-persuna responsabbli minnhom;

17. Illi s-salarju percepit minn Mario Schembri, r-ragel tar-rikorrenti u missier il-minuri fuq indikati fil-mument tal-mewt tieghu, kien ta' dsatax il-elf seba` mija u sebgha u tletin Ewro, (€19,737.00), (ara foll 8);

Ikkunsidrat:

18. Illi *nonostante* l-kuntratt datat l-4 t'Awwissu, 1998, fuq riferit, is-socjeta` intimata tichad it-talbiet tar-rikorrenti *proprio et* nomine u tirribadixxi li l-ebda ammont m'hu minnha dovut lir-rikorrenti in dizamina;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi arginata l-problematika fil-mertu taghha, issa jigu indirizzati kwistjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-kontendenti:

19.1. **In-Nullita` tal-procedura**

19.1.1. Illi din l-eccezzjoni preliminari giet sollevata mir-rikorrenti rikonvenzjonata, (ara foll 28);

19.1.2. Illi tali eccezzjoni preliminari hi ta' natura odjuza u hi proponibbli biss f'kazijiet imsemmija fl-artiklu 789(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

19.1.3. Illi minn ezami tal-okkju tal-att promotur, dak tal-okkju li fih hemm ir-risposta u l-kontro-talba, u finalment dak kontenenti r-risposta ghall-kontro-talba, kwalunkwe imprecizjoni riskontrata hi *de minimis* u ma tirreka l-ebda pregudizzju irrimedjabbli li jiddizorjenta lill-partijiet involuti;

19.1.4. Illi dan tant hu hekk li meta l-istess procedura effettivament giet anke skrutinizzata fil-livell tal-appell, ma instab li kien hemm l-ebda pregudizzju lill-kontendenti naxxenti mill-istess;

19.1.5. Illi *di piu`*, tul il-procedura saru wkoll diversi atti ohra u l-ebda pregudizzju ma kien riskontrat;

19.1.6. Illi nullita` t'att gudizzjarju hi sanzjoni estrema u tigi mposta biss kemm il-darba l-izball riskontrat assolutament ma jkunx jista` jigi tollerat *stante* li l-presenza tieghu jkun ta' pregudizzju ghal xi principju ta' gustizzja procedurali;

19.1.7. Illi ghalhekk hu l-insenjament ta’ dawn il-qrati li att li jkun konfrontat bi kwistjoni simili ghandu jkun respint u annullat biss ghal ragunijiet gravi, (ara **Alfred u Mary konjugi Vella vs. Agostino Camilleri, datata l-21 ta’ Frar, 1997);**

19.1.8. Illi in vista tal-premess, din ir-risposta preliminari tar-rikorrenti *proprio et nomine* rikonvenzjonata ma tistax tigi milqugha u qed tigi respinta;

19.2. **L-Irritwalita` tal-Procedura fil-konfront tal-kontro-talbiet partikolari indirizzati mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti:**

19.2.1. Illi f’dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

19.2.1.i. Illi din it-talba preliminari tar-rikorrenti *proprio et nomine* rikonvenzjonata hi illogika *stante* li l-istess socjeta` intimata hawn indikata fl-istess risposti wriet l-intenzjoni li tpaci l-ammont mitlub, jew iggib fix-xejn l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti;

19.2.1.ii. Illi ghalhekk il-procedura in dizamina hi ghal kollox legittima u permissibbli, (ara **Joseph Scerri vs. Anna Fenech et datata t-3 ta’ Lulju, 2003);**

19.3. **Il-mewt tar-ragel tar-rikorrenti *proprio et nomine*:**

19.3.1. Illi f’dan ir-rigward is-socjeta` intimata rikonvenzjonanti titlob dikjarazzjoni li l-mewt ta’ Mario Schembri, ir-ragel tar-rikorrenti fuq indikata miet permezz ta’ suwicidju, (ara foll 22 u 24);

19.3.2. Illi konsegwenza diretta ta' tali dikjarazzjoni l-istess socjeta` intimata tippretendi li allura tkun ezonorata mill-obbligi imposti mill-kuntratt tal-4 t'Awwissu, 1999, (ara foll 6);

19.3.3. Illi pero` fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti l-partijiet hemm indikati esprimew l-intenzjoni taghhom b'mod car, preciz u univoku, (ara foll 6);

19.3.4. Illi allura gie hemm kjarament stabbilit li f'kaz ta' mewt ta' wiehed mill-impjegati tas-socjeta` intimata, l-armla u ulied il-mejjet kienu assikurati minn introjtu xieraq bhala pensjoni kif specifikat fl-istess kuntratt, (ara foll 6 u 7, u paragrafu sittax, (16.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

20.0. Illi fir-rigward tal-kuntratt in dizamina fuq riferit, (ara foll 6), jinghad sintetikament is-segwenti:

20.1. Illi japplika l-principju ***"contra scriptum non est disputandum"***

20.2. Illi f'dan ir-rigward l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jistabbilixxi s-segwenti:

> "Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni";

20.3. Illi analisi lingwistika tal-kuntratt in dizamina datat l-4 t'Awwissu, 1997, (ara foll 6), ma tirrileva l-ebda problema ta' interpretazzjoni *stante* li jirrizulta miktub b'mod car - kwazi semplicistiku;

20.4. Illi ghalhekk *stante* li l-istess kuntratt hu miktub b'mod car, u li l-intenzjoni tal-partijiet tirrizulta li giet espressa

b'mod facilment mifhuma, u allura, la l-ebda problema ma tirrizulta f'dan il-qasam, tali kuntratt jirrizulta debitament vinkolanti bejn il-partijiet;

20.5. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghad-decizjoni tal-**Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet Carmelo Borg vs. Bartolomeo Xuereb, datata t-30 ta' Marzu, 1997"**;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi rigward l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti li l-fuq riferit Mario Schembri kien issellef is-somma ta' sitta u erbghin elf mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€46,225.65), (ara foll 24), jinghad fil-qosor is-segwenti:

21.1. Illi s-socjeta` intimata fuq riferita ma resqet l-ebda prova fir-rigward – la prova skritta u lanqas xi dokument oggettiv in sostenn tal-istess allegazzjoni;

21.2. Illi rizultat tal-principju li min ***jallega jrid jipprova***, la jirrizulta li s-socjeta` *de quo* naqset li tissostanzja l-allegazzjoni taghha, allura tali allegazzjoni ma tistax issib is-suffragju ta' din il-qorti;

21.3. Illi konsegwentement din il-kontro-talba tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti qed tigi respinta;

**DECIDE:**

22.0. Illi ghalhekk tenut kont tas-suespost din il-qorti tqis li r-rikorrenti *proprio et nomine,* bl-eccezzjonijiet tal-kontro-risposti fuq respinti, pprovat it-talbiet kollha taghha u l-kontro-risposti rimanenti a sodisfazzjon tal-qorti u konsegwentement:

22.1. Tirrespingi r-risposti u l-kontro-talbiet kollha tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

22.2. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* rikonvenzjonata bl-eccezzjoni ta' dawk gia` fuq dikjarati li gew respinti;

22.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata rikonvenzjonata thallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* rikonvenzjonata il-pensjoni pattwita fil-kuntratt datat l-4 t'Awwissu, 1999;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward tal-ammont ta' pensjoni fuq dikjarat favur ir-rikorrenti fuq riferita jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi s-salarju percepit mill-imsemmi Mario Schembri – r-ragel tar-rikorrenti *de quo* – kien fl-ammont ta' dsatax il-elf seba` mija u tnejn u erbghin Ewro, (€19,742.00), fis-sena, (ara foll 40);

23.2. Illi l-istess jizdied bir-rata ta' hamsa fil-mija, (5%), fis-sena;

23.3. Illi s-salarju totali involut ghall-perjodu 11 ta' Dicembru, 2005 sal-11 ta' Marzu, 2010, (l-eqreb data qabel ma' gie pprezentat ir-rikors guramentat promotur in dizamina), jammonta ghal sittin elf, seba` mija u Ewro u erba` centezmi, (€60,701.04);

23.4. Illi sat-18 t'April, 2010, ir-rikorrenti Diane Schembri u bintha Rebecca Schembri kienu jircievu 2/3 tas-salarju ta' Mario Schembri f'ishma ta' 50% kull wiehed;

23.5. Illi l-imsemmija Rebecca kienet l-ahhar wild tad-defunt mar-rikorrenti fuq indikata, ghalqet it-tmintax (18), il-sena, u kompliet l-istudji taghha l-MCAST, (ara foll 34), u sussegwentement l-Universita` fejn qeghda, (ara foll 220);

23.6. Illi r-rikorrenti jirrizulta li ghalhekk ghandha d-dritt ghall-ammont ta' pensjoni minnha mitlub fir-rikors guramentat promotur;

23.7. Illi tenut kont ta' l-istess 2/3 tal-pensjoni *de quo* u maghha maghdud il-5% fis-sena, sad-data tas-sentenza odjerna l-ammont globali involut jitla sa mija u tnax il-elf u mitejn Ewro u tnejn u sittin centezmu, (€112,200.62);

23.8. Illi minn dan l-ammont pero` ghandu jitnaqqas l-ammont imhallsa lir-rikorrenti mis-socjeta` intimata sa Frar, 2012;

23.9. Illi ghalhekk, in vista tal-premess:

23.9.1. Tillikwida l-ammont hekk dovut mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti fl-ammont ta' sitta u sittin elf seba` mija u dsatax il-Ewro, u tlieta u disghin centezmu, (€66,719.93);

23.9.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti Alfred Schembri & Sons Limited thallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* l-ammont hekk likwidat;

23.9.3. Bl-ispejjez u bl-interessi relattivi mid-data ta' meta jirrikorru sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata rikonvenzjonanti.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**